# IL-LOMBARD BANK JIRRAPORTA RIŻULTATI TAJBA GĦALL-EWWEL SITT XHUR

Lombard Bank Malta p.l.c. għamel qliegħ qabel it-taxxa ta' Lm674,000 għas-sitt xhur li għalqu fil-31 ta' Marzu, 2003, żjieda ta' 12% fuq is-Lm604,000 għall-istess perjodu fl-2002. Dan joħroġ mill-kontijiet finanzjarji li ġew approvati llum mill-Bord tad-Diretturi tal-Bank, li ltaqa fil-Belt Valletta.

Id-dħul nett mill-imgħaxijiet żdied b'6% għal Lm1.48 miljuni. Minkejja l-kompetizzjoni qawwija fis-self kif ukoll tnaqqis ġenerali fl-imgħaxijiet, il-Bank irnexxielu jżomm il-marġni fuq l-imgħaxijiet għal 35%. Kien hemm ftit tnaqqis minn introjti li jiġu mill-ħlasijiet għal servizzi u kummissjonijiet; madanakollu dan kien kumpensat b'żjieda ta' 56% fil-qliegħ min-negozju fil-kambju. Riżultat t'hekk, id-dħul mill-operat kollu tal-Bank żdied bi 8% minn Lm1.79 miljun għal Lm1.93 miljun.

L-ispiża tal-Bank kibret bi 13%, fil-biċċa l-kbira żjidiet li għandhom x'jaqsmu mal-impjegati kif ukoll nefqa akbar minħabba titjib fis-sistemi u fl-operat ġenerali tal-Bank. Iż-żjieda fir-riservi għar-riskji fuq self kienet ta' Lm211,000, ftit anqas mill-Lm276,000 tal-2002. Il-qliegħ għal kull sehem kiber minn 10.0 ċenteżmi fl-2002 għal 10.9 ċenteżmi.

Id-depożiti telgħu bi ftit aktar minn 4% fuq Settembru 2002, għal Lm151 miljuni. Is-self lill-klijenti żdied għal Lm58.3 miljuni; kien hemm attivita' ta' self inkoraġġanti fil-perjodu ta' sitt xhur li għalqu f'Marzu 2003, kif ukoll ħafna likwidita fi ħlasijiet lura mill-klijenti. Il-likwidita' tal-Bank baqgħet fuq livelli għolja, b'żjieda ta' 10% għal Lm55.4 miljuni. Bilanċi ma banek u istituzzjonijiet finanzjarji, u obligazzjonijiet oħra baqgħu relattivament ma nbidlux fuq livelli ta' Lm22.6 miljuni u Lm25.6 miljuni rispettivament. Il-fondi tal-azzjonisti ilaħħqu Lm10.6 miljuni, li jiġi rifless f'*solvency ratio* ta' 18%. Memorandum Items ta' Lm18 miljuni jirriflettu d-diversita' tan-negozju tal-Bank, bħal m'huma *forward exchange contracts, fiduciary deposits* u garanziji għall-klijentela. L-assi totali tal-Bank telgħu b' 4% għal Lm167 miljun.

Bħala Grupp Bankarju, ir-riżultati jirriflettu għall-ewwel darba l-kontribuzzjoni taż-żewġ kumpaniji sussidjarji tal-Bank, jiġifieri l-*Lombard Stockbrokers Limited* (li fiha l-Bank għandu 51%) u l-*Lombard Asset Managers Limited* (75%).

Il-Bord tad-Diretturi jinnota b'sodisfazzjon li l-Bank kompla jikseb riżultati mill-aqwa frott tal-bażi soda fl-operat tiegħu, *management* prudenti u klijentela tal-aqwa kwalita'. Għall-bqija tas-sena finanzjarja, li minn din is-sena se tibda tintemm fil-31 ta' Diċembru minflok fit-30 ta' Settembru, il-Bord tad-Diretturi huwa ottimist li r-rankatura fit-tkabbir tan-negozju kif ukoll l-istrateġija ta' kif jiġi żviluppat l-istess negozju, se jkomplu jsostnu tkabbir kemm fil-profitti u wkoll fil-valur għall-azzjonisti.

15 ta' Mejju 2003